# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Adriane Grima

Illum 24 ta' Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront Adriane Grima, bint Coronato u Rita nee Azzopardi imwieled fil-12/12/1974 u joqghod 16, Trilogy CRT, P/H3, Triq il-Barjola, Gudja. ID 6875M.

Billi int akkuzat talli fl-21 ta' April, 2023 ghall-habta ta' 18:00 hrs fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DEN506.

1. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, tat-traffiku,nvolontarjament ikkagunajt offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Adriane Grima skont kif

iccertifika Dr. F. Camilleri MD mill-MDH, Kap 9 Art 226 (1) (c)

2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata Kap 65 Art 15 (1) (a) (2)
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b` manjiera perikoluza Kap 65 Art 15 (1) (a) (2)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226(1)( c) tal-Kap 9 u 15(1)( a)(2) tal- Kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 23379 S Zammit u T-Tabiba Franco Camilleri** xehdu permezz ta` affidavit

**<u>Christie Borg xehdet hekk :</u>**

Pros: Sinjura Borg kellek xi incident irrapurtajt xi haga il-pulizija?

Xhud: Ijja fil-21 ta' April 2023 għall-ħabta tal-5.30/6.00 kien hemm inċident.

Pros: Jekk jogħġbok il-lokalità u triq?

Xhud: Mela il-kwalità kienet is-Siġġiewi bejn Siġġiewi ħaż-Zebbuġ fil-benniena.

Qorti: Triq taf x'jisimha?

Xhud: Le qiegħda triq ta' fejn il-Peridot fi triq twila minn ħaż-Zebbuġ għas-Siġġiewi.

Pros: Inti direzzjoni minn fejn lejn?

Xhud: Minn Haz-Zebbug ghas-Siggiewi kont sejra ghand ommi.

Pros: U liem parti tal-benniena fil-verità kont?

Xhud: Fin-nofs.

Qorti: X`karozza kellek in-numru?

Xhud: DM 506 Mitsubishi Pajero.

Qorti: Kont qeghda wieqfa fit-traffic jiena kien hemm karozza quddiemi oħra kienet kull kulur blu kienet karozza tal-kiri u jien kont qeghda wieqfa kompletament u f'daqqa wahda jien inħares minn ġol-mera u nħares warajja nara karozza qiegħda il-bogħod fit-tarf fejn hemm l-entrata biex tinżel għall-wied ta' fejn il-Peridot u daqqa wahda jien nerġa' nara karozza ftit zghira wara minn gol-mera ta' quddiem nerġa' narah warajja eżatti daqqa ħin nisma ħoss qawwi jien bdejt naghajjat u nwerżaq għax ovvjament qed iħossu.

Qorti: X`Ħoss kien?

Xhud: Hoss ta' bomba.

Qorti: Imma x`gara sinjura?

Xhud: Għax daħal ġo fija, Ovvjament il-karozza tieghi bdiet miexja tiegħi il-quddiem go ta` quddiemi kont tal-boghod distanza sew minn ta` quddiemi u xorta kaxkritni għal fuq ta' quddiemi.

Qorti: Int weggajt?

Xhud: Jiena beda jugghani dahri dak il-hin stess ma stajtx nimxi ma nżiltx nfatti minn gol-karozza cempilt mal-ewwel.

Qorti: Min daħal ġo fik taf min hu?

Xhud: Ijja s-sinjura.

Qorti: Mela xhud indikat l-imputat kif taf li hi jekk ma nziltx mil-karozza?

Xhud: Ghax rajtha minn gol-mera, plus li hin minnhom giet hi hdejja mat-tieqa biex tkellimni, imma jien kont qiegħda inċempel ovvjament għall-assistenza biex jiġu fuq il-post.

Pros: X`qaltlek sinjura?

Xhud: Lili qaltli kif inti u jien ma stajtx inkellem għax kont qiegħda fuq it-telefon.

Pros: Konsegwenza ta' dan l-inċident x'garalek inti?

Xhud: Ovvjament il-karozza bil-ħsara u ovvjament beda jugghani ħafna dahri jiena dak il-ħin stess mill-ewwel, ovvjament dahri għamilt anke ftit jiem wara bqajt inħossu u anke ġieli xi kultant jaqbadni ugiegh f`dahri imma essagg m'għandi xejn iktar.

Qorti: Kontro eżami?

Avu: Le.

Ikkunsidrat

L-imputat wriet nuqqas ta` *proper lookout* meta ma haditx il-prekawzjonijet necessarji u baqghet diehla fil-vettura ta` quddiemha. Dan hu sewqan fil-livell ta` perikoluz stante li ma ratx jew ma tatx kas daq li kien qed isehh quddiemha. Bhekk jirrizultaw l-ewwel(1)u t-tielet(3) imputazzjoni bit-tieni (2)imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1) (c) Kap 9 15(1)( a)(2) tal- Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Adriane Grima hatja tal-ewwel(1)u t-tielet(3) imputazzjoni bit-tieni (2)imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni u tikkundannha komplessivament ghal multa ta' elf u mitejn euro (1200), tlett (3)xhur sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan u ghaxar (10) punti fuq il-licenzji tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**